Dan il-fuljett huwa parti minn serje miktuba minn infermiera, tobba u esperti b'esperjenza fil-kura tal-anzjani. Is-serje għandha l-għan li tagħmel il-vjaġġ tiegħek fil-kura residenzjali tal-anzjani aktar faċli. Fittex fuljetti oħra dwar mistoqsijiet li għandek tistaqsi dwar ħtiġijiet speċifiċi ta' kura. Dawn jistgħu jitniżżlu minn: **www.10questions.org.au**

Tista' ssib dawn il-fuljetti utli meta:

- Qed tfittex għal faċilità residenzjali tal-kura tal-anzjani ta' kwalità għolja
- Qed tirrevedi l-kwalità tal-faċilità residenzjali tal-kura tal-anzjani attwali tiegħek
- Qed tiddeċiedi bejn żewġ faċilitajiet residenzjali tal-kura tal-anzjani li jidhru simili.

Huwa importanti li fost l-impjegati jkun hemm biżżejjed infermiera reġistrati b'ħiliet differenti biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' kulħadd. Għandek tistaqsi mistoqsijiet dwar kif il-ħtiġijiet tal-kura individwali tiegħek se jintlaħqu.

Ħafna impjegati jilbsu uniformijiet simili. Sempliċement għax xi ħadd jidher qisu infermier ma jfissirx li huwa hekk. Dawn huma d-differenzi:

**Infermiera Reġistrata (RN)** għamlet minimu ta' tliet snin kors ta' Bachelor of Nursing. Jistgħu jwettqu proċeduri ta' infermiera, jimmaniġġjaw medikazzjoni għall-uġigħ u jgħinu biex jipprevjenu dħul bla bżonn fl-isptar.

**Infermier Enrolled (EN)** jaħdem taħt id-direzzjoni ta' RN. It-tnejn huma reġistrati minn korp regolatorju. Ir-reġistrazzjoni tiżgura li l-istandards professjonali jinżammu u tipproteġi lill-pubbliku.

**L-Assistenti tal-Infermiera (AIN) / Ħaddiema tal-Kura / Ħaddiema tas-Servizz tal-Kura (CSE)** jaħdmu taħt is-superviżjoni u d-direzzjoni tal-infermiera u jipprovdu ħafna mill-kura f'faċilitajiet residenzjali tal-kura tal-anzjani u fil-komunità. Il-livell ta' taħriġ u r-rwoli tagħhom ivarjaw.

Frar 2023

# HU D-DRITT TIEGĦEK LI TISTAQSI

Jekk teħtieġ parir ta' avokatura jew ta' speċjalista dwar xi suġġett li mhux kopert f'dan il- fuljett:

**My Aged Care**
**1800 200 422 • myagedcare.gov.au**

**Servizz ta' Traduzzjoni u Interpretazzjoni (TIS)**
**131 450**

**Servizz tad-Drittijiet tal-Anzjani**
**1800 424 079 • seniorsrightsservice.org.au**

Dan il-fuljett ġie żviluppat u approvat minn:

Għal lista sħiħa ta' organizzazzjonijiet ta' appoġġ jekk jogħġbok żur **www.10questions.org.au**

Jekk għandek tħassib dwar faċilità residenzjali tal-kura tal-anzjani ikkuntattja:

Australian Government
Aged Care Quality and Safety Commission

1800 951 822

www.agedcarequality.gov.au

# 10 Mistoqsijiet li għandek tistaqsi

## DWAR

## KURA TAD-DIMENZJA FIL-KURA RESIDENZJALI TAL-ANZJANI

## (DEMENTIA - MALTESE)

**www.10questions.org.au**

***Xi faċilitajiet tal-kura tal-anzjani joffru kura "Speċifika għad-Dimenzja", iżda s-servizzi offruti jistgħu jvarjaw. Ħafna jipprovdu għal nies bid-dimenzja u għalhekk uża dawn il-mistoqsijiet biex tagħżel post li hu tajjeb għalik. It-tħejjija ta' ktieb tal-istorja tal-ħajja minn qabel jista' jgħin lill-impjegati biex jippersonalizzaw il-kura tiegħek.***

## 1 Kif se tiżgura l-libertà tal-moviment madwar il-post?

Il-libertà tal-moviment m'għandha qatt tkun ristretta minħabba li m'hemmx biżżejjed impjegati li jippermettu lin-nies jiċċaqalqu u jagħmlu għażliet sikuri dwar kif u fejn iqattgħu l-ħin tagħhom. Iż-żoni murija fl-ewwel żjara tiegħek m'humiex dejjem fejn ser jieħdu ħsieb in-nies, għalhekk huwa importanti li tivverifika fejn in-nies iqattgħu ħafna mill-ħin tagħhom matul il-ġurnata.

## 2 In-nies kif huma appoġġjati biex jieħdu sehem f'attivitajiet li jieħdu gost jagħmlu?

Għandhom jiġu organizzati attivitajiet fuq ġewwa, fuq barra, individwali u fi grupp li persuni b'kapaċità li tvarja jistgħu jgawdu b'mod sigur. Dawn għandhom jinkludu taħlita ta' attività fiżika, stimulazzjoni mentali u sensorjali u jkunu adattati għall-oqsma ta' interess tan-nies. Iċċekkja jekk hemmx aktar ħaddiema impjegati biex jgħinu lin-nies jipparteċipaw u kemm-il darba jsir dan.

## 3 Kif ikunu jafu l-impjegati dwar il-ħtiġijiet individwali tan-nies?

Kulħadd, inklużi membri tal-familja għandhom ikunu involuti fl-ippjanar tal-kura. Ir-rutini individwali, il-preferenzi u l-ħtiġijiet tal-kura personali tan-nies għandhom jitniżżlu u pjan ta' kura għandu jkun miftiehem u kkomunikat lil kull min hu involut. Xi informazzjoni bil-miktub għall-impjegati biex jgħinhom isiru jafu lin-nies jistgħu jgħinu, għalhekk iċċekkja li jintużaw.

## 4 X'għamilt biex il-post ikun faċli għal persuni bid-dimenzja?

Ambjent familjari u kalm b'sinjali ċari u affarijiet li jgħinu l-memorja jistgħu jgħinu lin-nies iħossuhom siguri u konxji tal-inħawi tagħhom. Iċċekkja jekk il-post jinħassx qiesu d-dar tiegħek u jekk tistax tpoġġi għamara u affarijiet mid-dar fil-kmamar tas-sodda. Sinjali ċari kemm bil-kliem kif ukoll bl-istampi jistgħu jgħinu lin-nies isibu fejn iridu jmorru. Ħsejjes qawwija, spazji iffullati, dawl batut, disinji konfużi fuq twapet u ħitan jistgħu jkunu stressanti u għalhekk imxi u ċċekkja l-faċilitajiet.

## 5 X'inhu l-proporzjon tal-impjegati għal kull xift?

Osserva jekk hemmx biżżejjed impjegati fil-post biex jissorveljaw lin-nies u jgħinhom jieklu, jissoċjalizzaw u jiċċaqalqu. Meta jkun qed jidlam wieħed jista' jħossu konfuż meta ma jkunx ċar jekk hux binhar jew bil-lejl għalhekk aktar għajnuna tista' tkun utli f'ċerti ħinijiet. Staqsi jekk il-proporzjonijiet tal-impjegati għar-residenti humiex imnaqqsa fi kwalunkwe ħin tal-ġurnata, matul il-lejl jew fi tmiem il-ġimgħa. Iċċekkja li l-ebda żona ma titħalla mhux sorveljata għal perjodi twal.

## 6 L-impjegati huma mħarrġa fil-kura tad-dimenzja?

Jista' jkun hemm ħafna tibdil ta' impjegati u għalhekk kun żgur li taħriġ speċifiku għad-dimenzja jiġi offrut meta l-ħaddiema jibdew l-impjieg tagħhom u li jirċievu aġġornamenti regolari. L-impjegati għandhom ikunu jafu kif jiksbu għajnuna biex jimmaniġġjaw il-bżonnijiet tal-persuni, għalhekk staqsi x'rabtiet hemm ma' speċjalisti lokali tas-saħħa mentali / tal-kura tal-anzjani u t-tim ta' rispons għall-imġiba.

## 7 Kif tgħin lin-nies jimmaniġġjaw il-kontinenza tagħhom?

Problemi ta' kontinenza jistgħu jinqalgħu jekk in-nies ma jistgħux isibu l-kamra tal-banju, jinżgħu jew jużaw it-tojlit b'mod korrett. Iċċekkja jekk hemmx ħafna tojlits ħdejn iż-żoni fejn toqgħod b'sinjali ċari u mgħammra b'poġġamani ma' fejn iżżomm. Fittex jekk hemmx biżżejjed impjegati fil-post biex jgħinu lin-nies biex imorru fit-tojlit. Id-dar residenzjali hija legalment meħtieġa li tipprovdi tagħmir ta' kontinenza biex taqdi l-ħtiġijiet tan-nies u m'għandhiex tirrestrinġi l-provvisti.

## 8 Liema appoġġ mediku huwa disponibbli?

Il-kontinwità tal-kura hija tajba b'mod partikolari għal nies li ma jistgħux jesprimu s-sintomi tagħhom verbalment. Il-GP regolari ta' persuna spiss jaf l-istorja medika tagħhom, għalhekk iċċekkja jekk iżurx il-post. Jekk le, staqsihom biex jgħaddu r-rekords mediċi lill-GP il-ġdid. Staqsi jekk tobba b'kompetenza medika fil-kura tad-dimenzja jżurux il-post. Iċċekkja wkoll jekk għandekx tħallas żejjed għat-trasport u għall-impjegati biex jakkumpanjaw żjarat lil speċjalista tad-dimenzja.

## 9 In-nies kif huma appoġġjati biex jieħdu deċiżjonijiet għall-itwal żmien possibbli?

Dijanjosi tad-dimenzja ma tnaqqasx id-dritt ta' persuna li tieħu deċiżjonijiet dwar il-kura u l-istil ta' ħajja tagħha, u l-impjegati għandhom jipprovdu l-appoġġ meħtieġ biex in-nies ikunu jistgħu jagħmlu dan. Kultant bħala l-aħħar għażla tkun meħtieġa persuna li tieħu d-deċiżjonijiet minflokok*. Anke f'dak il-każ, ix-xewqat u l-benesseri tal-persuna għandhom jiġu kkunsidrati. Allura staqsi kif l-impjegati se jiżguraw li dawn id-drittijiet jiġu milqugħa.

## 10 Kemm-il darba tirrevedi l-mediċina tan-nies?

Il-mediċini għandhom effetti sekondarji u għalhekk huwa aħjar li tillimita l-ammont meħud u tirrevedi regolarment dawk li huma meħtieġa. Il-mediċina qatt ma għandha tintuża għax m'hemmx biżżejjed impjegati biex jissodisfaw il-bżonnijiet tan-nies. Iċċekkja kemm-il darba jkun hemm żjara mill-GP biex jirrevedi l-mediċina.

* Jista' jinħatar minn persuna meta jkollha l-kapaċità. Is-Servizz tad-Drittijiet tal-Anzjani jista' joffri pariri b'xejn jekk m'intix ċert dwar x'għandek tagħmel. Ara wara tal-fuljett għad-dettalji ta' kuntatt.